MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Numru 536/2003

**Pulizija**
**Spet. Simon Galea**
**Spet. Carmelo Magri**
**vs**
**DEBONO Keith**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra l-imputat Keith Debono ta’ 17-il sena bin Carmelo u Veronica nee Grech mwieled fil-Pieta’ fl-1 ta’ Gunju, 1986 u li joqghod Block C/4 Flat 2, Qasam Bini tal-Gvern, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 247786 (M) li tressaq b’arrest fl-24 ta’ Gunju 2003, akkuzat talli b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’resoluzzjoni wahda u cioe:

Fit-22 ta’ Gunju, 2003 ghall-habta tal-11.00 ta’ filghodu flimkien ma persuna mhux maghrufa kkommetta serq ta’ flus kontanti mill-istabbiliment bl-isem BX Coatings li huwa sitwat fi Triq Tal-Balal Naxxar ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess stabbiliment, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltija.

Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkommetti serq ta’ diversi oggetti ohra mill-istess stabbiliment wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu u li kieku dan is-serq sehh, kien ikun kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontrajament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-imsemmi stabbiliment, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltija (Lm50) izda li ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Attard mill-Gharghur skond kif ccertifikah it-Tabib Nicholas J Vassallo mic-centru tas-sahha tal-Mosta.

Fis-17 ta’ Frar, 2003 f’xi hin filghodu mill-istabbiliment bl-isem ’Bitmac Limited’ li huwa sitwat fi Triq tal-Balal Naxxar kkommetta serq ta’ flus kontanti u apparat fotografiku ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-imsemmi stabbiliment, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin.

Fl-istess data, hin u lok u cirkostanzi volontrajament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg hadd iehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-imsemmi stabbiliment, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltija (Lm500).

U finalment talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kaz fosthom (a) l-istqarrija mhix iffirmata ta' l-imputat fejn ammetta s-serq ta' ghaxar liri Maltin u l-involviment tieghu f'serqa ohra fi Frar tas-sena 2003 fejn qal li kien ha xi flus izda ebda camera tar-ritratti (Dok. CM1); (b) il-current incident report fuq rapport ta' Hector Camilleri (Dok. CM2) ; (c) il-current indicent report, fuq rapport ta' Carmel Micallef (Dok. CM3) ; (d) iz-zewg karti tal-hames liri, ghaxar liri b'kollox (Lm10) li jinsabu f'envelopp issigillat.

Ikkunsidrat :

Wara li c-charges gew konfermati bil-gurament, l-imputat, meghjun minn esperta ghad-deaf-mutes li wkoll hadet il-gurament li taqdi dmirha b'fedelta', wara li wiegeb ghad-domdani, irrisponda li huwa hati ta' l-akkuzi migjuba kontrieh. Il-qorti tat lill-imputat 'il fuq minn ghoxrin minuta biex jerga' jahsibha u wara li ghadda l-hin sew. Regghet talbet l-ghajnuna ta' l-esperta mahtura biex tirrepeti l-istess mistoqsijiet lill-imputat. Dan rega' wiegeb li hu hati.

Il-Qorti rat l-artikolu 392A tal-Kap 9 u ghal hekk qed tghaddi ghas-sentenza kif jitlob dan l-artikolu.

Il-Qorti rat l-artikoli 11, 14, 17, 18, 28A, 28E, 37, 40(a), 41(a), 221, 261, 263, 267, 278(2), 325(1)(b) tal-Kap 9 u ssib lill-imputat hati wara l-ammissjoni tieghu tar-reati msemmija fic-charge sheet.

Piena

Il-Qorti hija u tasal ghall-piena zammet quddiem ghajnejha dawn il-fatturi :

(a) l-imputat ghadu taht it-tmintax-il sena,
(b) ghandu kondotta relattivament nadifa,

(c) huwa deaf-mute.
(d) Il-Ligi ghandha skuzanti kemm minhabba l-eta' kif ukoll minhabba d-diffikultajiet fizici li jsofri minnhom l-imputat.
(e) Il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija;
(f) L-ammissjoni fi zmien bikri hafna matul dawn il-proceduri
(g) Il-provvedimenti tal-ligi dwar il-konkors tar-reati u dwar it-tentattiv.

Ghalhekk, il-Qorti, waqt li qed tenfasizza li l-imputazzjonijiet huma serjissimi, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jkunu l-konsegwenzi jekk l-imputat iwettaq xi reat matul din is-sena.

Il-Qorti qed tibghat l-atti kollha kif ukoll kopja ta' din is-sentenza lill-Avukat Generali.

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------